# LUDOVIK MIFSUD TOMMASI
# U L-KURUNELLA TA' SANTA MARGERITA

*Professur Oliver Friggieri*



Il-qawmien tal-kitba letterarja bil-Malti fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax huwa marbut, kif mistenni, mal-ħajja reliġjuża tal-poplu. Għadd kbir ta' qassisin Maltin fehmu l-ħtieġa li jinqdew bil-Malti mhux biss mitkellem iżda wkoll miktub għall-għanijiet pastorali tagħhom. Dan deher l-aktar fl-isforzi li għamlu wħud minnhom biex jiktbu l-prietki tagħhom u biex ixerrdu l-poeżija popolari bħala talba lil Alla. Hekk sabet xorti kbira l-kurunella, li awtur ewlieni tagħha huwa r-Rev. Dr. Ludovik Mifsud Tommasi (1796-1879).

## IL-POEŻIJA BIKRIJA

Waqt li t-tradizzjoni Taljana hi miktuba, it-tradizzjoni Maltija hi mitħaddta, imgħoddija minn nisel għal ieħor bil-fomm, bis-saħħa tal-memorja, fi ħdan il-binja tal-familja, magħquda u reliġjuża. Dawn ix-xejriet, imseħbin flimkien, ifissru għala l-letteratura bil-Malti ħadet id-direzzjoni li ħadet sa mill-bidu. Ir-Romantiċiżmu wassal biex iż-żewġ tradizzjonjiet iltaqgħu u biex il-prinċipji tad-demokrazija kulturali mxerrdin ma' l-Ewropa kollha waslu f'Malta wkoll. Mikiel Anton Vassalli, bejn tmiem is-seklu tmintax u l-bidu tas-seklu dsatax, kien diġa' xandar it-twemmin illuministiku-romantiku u applikah tajjeb ħafna għall-qagħda Maltija. Issa kien jonqos li l-kittieba letterarji jagħarfu x-xejriet taż-żmien u jwelldu letteratura proprja. Il-ħamrija kienet it-tradizzjoni letterarja Taljana, twila u konsistenti, li Malta rawmet anki b'rabta diretta u qawwija mal-ħajja ekkleżjastika uffiċjali u mal-ħajja reliġjuża popolari.

Ludovik Mifsud Tommasi huwa wieħed minn ġemgħa ta' poeti bikrija li laqqgħu flimkien liż-żewġ tradizzjonijiet imsemmija u tawhom ħajja ġdida, lokali, bil-Malti. Aktar minn qabel, l-ilsien ta' nisel Semitiku beda jitħaddem biex jitqiegħed f'forom letterarji Ewropej. Il-kurunella hi biss waħda mill-forom li għenu ħafna biex il-poeżija tixtered fost il-kotra u tkun kemm pjaċevoli u kemm ta' fejda. Patri Fidiel, Franġisku Saverju Baldacchino, Luigi Rosato, Indri Schembri, Salvatore Cumbo, Ġan Anton Vassallo, Richard Taylor, Annibale Preca, Klement Mifsud Bonnici, Salvatore Frendo De Mannarino, Ġuże' Muscat Azzopardi, Anton Muscat Fenech u oħrajn huma lkoll ismijiet li jidħlu fil-fażi bikrija tal-lehma poetika Maltija.

## IL-POEŻIJA POPOLARI RELIĠJUŻA

Fil-livell tal-poeżija popolari fl-Ewropa kienu importanti żewġ għamliet ta' kitba: it-traduzzjoni u l-versifikazzjoni ta' kontenuti reliġjużi jew kulturali. Ludovik

Mifsud Tommasi daħal ħafna f'din it-tradizzjoni u s-sehem tiegħu jiftiehem kollu f'dan id-dawl: huwa fittex li lill-poplu jagħtih versi reliġjużi, ħfief, u li setgħu jingħadu bla tbatija jew saħansitra jitkantaw. Kellu jipprovdi versi sempliċi li setgħu jidħlu malajr fil-memorja tan-nies li jisimgħuhom.
L-għana, bħala l-eqdem tradizzjoni magħrufa ta' poeżija popolari, tiġbor fiha x-xejriet essenzjali kollha li kellha tħaddan il-poeżija ġdida. Minn hawn telaq Mifsud Tommasi fil-ħsieb tiegħu li jimla vojt fil-qasam kulturali-reliġjuż. Fl-1853 xandar il-volum *L-inni mqaddsa - l-antifoni tat-tmiem tal-Brevjarju Ruman u s-Sekwenzi tal-Missal miġjubin bil-Malti*, ix-xogħol li huwa għandu jissemma għalih l-aktar fl-istorja tal-poeżija Maltija.
Fil-ħsieb ta' Mifsud Tommasi l-għana u l-innu huma varjanti ta' xulxin. Huwa saħansitra jemmen li "il-kelma 'innu' hija mnissla minn 'għana'." Ix-xewqa tiegħu hi li jqarreb l-għana lejn l-innu sakemm l-innu jsir il-forma espressiva mfittxa mill-kotra meta din titlob billi tkanta. Dan hu li jgħid fil-"Kelmtejn lil min iħobb jaqra", id-daħla għall-volum tiegħu:
"Jiena ġibt dawn l-inni bil-Malti biex min ma jifhimx il-Latin jista' jifhem, itiegħem, jitgħallem, u jgħallem fuq kollox lil dawk li ma jafux ħlief jgħannu, u jħanninu għana fieragħ, u li aktarx iħassar il-qalb. X'ħaġa sabiħa kienet tkun jekk ma jistamax ħlief it-tifħir 'l Alla! L-art kienet tinbidel f'Ġenna, jonqsu l-ħtiet, jonqos il-hemm, toktor il-fidi, u t-tama l-imħabba t'Alla, u mis-sema ma tinżilx ħlief barka. Dan nixtieq, dan nitma, u dan bil-għajnuna t'Alla, u t-talb ta' Sidtna Marija jseħħu, u hekk ikun."
It-talb meħud mill-Brevjarju u mis-Sekwenzi tal-missal mhux biss hu maqlub għall-Malti iżda hu wkoll mogħti f'għamla versifikata. Din kienet waħda mix-xejriet tal-letteratura romantika Ewropea ta' dik il-ħabta, kif fittixt li nuri fil-volum *Storia della letteratura maltese* (Edizioni Spes, Milazzo, 1986) u f'diversi studji oħrajn. Huwa jħaddem għadd ta' versi, bħall-ottonarju (il-vers ta' l-għana), il-kwinarju doppju, u jikteb għadd ta' strofi, bħall-kwartina bir-rima u s-sestina. Bħala regola huwa jimxi mill-qrib mat-test Latin, waqt li jadattah għall-forma versifikata.

## IL-VALUR STORIKU

Il-versi ta' Mifsud Tommasi għandhom siwi storiku kbir fil-kwadru ta' l-iżvilupp tal-poeżija Maltija. Jingħarfu fil-kuntest tagħhom. Is-sehem tiegħu madwar nofs is-seklu dsatax sewa ħafna biex il-poeżija mhux biss issoktat tinkiteb iżda wkoll biex issegwi l-prinċipju li għandha tkun siewja, miktuba b'mod ċar u ħafif, u tkun imxettla fil-ħamrija tat-tradizzjoni orali.
Il-poeżija letterarja ewlenija kellha titbiegħed sikwit minn dawn il-kundizzjonijiet, kif seħħ fl-istorja ta' pajjiżi oħrajn. Iżda anki l-poeżija l-aktar importanti li nkitbet żmien wara żammet dawn ix-xejriet waqt li għoliet ħafna fil-livell. Il-kontribut ta' Mifsud Tommasi jgħaqqad b'għadd ta' modi lill-imgħoddi ta' qablu mat-tradizzjoni li kienet qiegħda titwieled.

## IL-FIRXA TAL-KITBIET TIEGĦU

Skond Ġuże' Cassar Pullicino[1], il-kurunelli ta' Ludovik Mifsud Tommasi jinfirxu

fuq medda ta erbgħin sena, bejn l-1833 meta hu beda jikteb bil-Malti, u l-1873. Ewlenija fosthom hi "Kuruna ta' Tnax-il Kewkba lil Sidtna Marija Verġni", li kellha tingħad matul in-novena tal-festa tal-Vitorja. Mill-bqija, huwa kiteb bosta oħrajn ilkoll marbutin ma' xi festa liturġika jew parrokkjali. Cassar Pullicino jagħti lista li turi għażla wiesgħa ta' temi.
Xogħol interessanti tiegħu huwa "Furto sacrilego della Sacra Pisside di Santa Teresa nel di 19 ottobre 1837". Il-kitba tiegħu bit-Taljan, fi proża daqskemm f'forma versifikata, hija t-tħabbira tal-kitba tiegħu bil-Malti. Dan kollu hu marbut mal-ħidma tiegħu ta' edukatur, saħansitra bħala bniedem li ħass il-ħtieġa li jiftaħ skola fl-1834[2]. Ix-xbiha sħiħa tiegħu hi ta' qassis li emmen ħafna fir-rabta essenzjali bejn ir-reliġjon u l-letteratura, u li fehem il-ħtieġa li jxerred it-tagħlim f'kull għamla li seta'. Din kienet ukoll waħda mix-xejriet ewlenin tal-kultura romantika tal-kontinent, li f'Malta hi essenzjalment ta' xeħta Taljana, imlaħħma mal-kultura lokali bis-saħħa ta' kittieba, bħal Mifsud Tommasi, li skoprew il-funzjoni tal-Malti sewwasew bis-saħħa ta' din it-tradizzjoni.
Ix-xorti li sabu l-kurunelli tiegħu ma tidhirx li kienet żgħira. Uħud minnhom għadhom jingħadu sa llum f'ċerti okkażjonijiet, l-iżjed fil-jiem tal-festa titulari tal-parroċċa. Kittieba oħrajn maż-żmien tħajru jimxu fuq il-passi tiegħu. Fir-raba' ktieb ta' l-1930 ta' "Il-Malti" Dun Karm kiteb li ma kienx hemm ktieb ta' devozzjoni li ma kienx fih kurunelli minn tiegħu, waqt li jistqarr kemm dawn kienu mxerrdin fi żmienu, u sa minn meta hu nnifsu kien għadu tfajjel fl-iskola tal-Gvern.

## IL-KURUNELLA F'ĠIEĦ SANTA MARGERITA

Skond Joseph Bezzina[3], il-kurunella "Tifħir u Talb f'Ġieħ Santa Margerita Verġni u Martri, Patruna ta' Sannat" inkitbet wara li l-Kappillan Dun Franġisk Borg kiteb lil Ludovik Mifsud Tommasi u talbu jikteb kurunella f'ġieħ il-qaddisa. Bħalma jindikaw l-ismijiet ta' diversi kurunelli tiegħu, dawn jidhru li nkitbu għal skop simili.
"Tifħir u Talb f'ġieħ Santa Margerita Verġni u Martri Patruna ta' Sannat" hi kurunella magħmula minn kwartini ta' ottonarji, bir-rima a-b-ċ-b. Il-kwartini huma mqassmin f'disa' gruppi ta' żewġ kwartini f'kull grupp. Kull kwartina hi strofa fiha nnifisha, u tagħlaq b'punt, bla ma tkompli fl-istrofa ta' wara. Kull żewġ kwartini, imqassmin għalihom, jiffurmaw taqsima żgħira mifruda minn ta' warajha, biex hemm tingħad talba. B'dan il-mod titħares id-drawwa li matul il-kurunella ċ-ċelebrant jieqaf f'ċerti waqtiet preċiżi, u jgħid talba proprja tal-Knisja, bħalma huma l-Missierna, is-Sliema u l-Glorja.
L-ottonarju, vers ta' tmien sillabi, magħmul minn żewġ kwaternarji, għandu l-aċċenti fissi fuq it-tielet u fuq is-seba' sillaba, iżda l-aċċent ta' fuq it-tielet sillaba jista' jvarja jew jiċċaqlaq. Dan joffri varjabilita' lill-mudell. Ir-rima li hemm fil-kurunella ta' Mifsud Tommasi hi kemm maskili (rima li fiha l-aħħar sillaba hi aċċentata, e.g., 'għeġubijiet' - 'smewwiet', IX, vv. 6,8) u kemm femminili (rima li fiha s-sillaba aċċentata jkollha warajha sillaba mhux-aċċentata, e.g., 'tagħna' - 'magħna', I, vv. 2, 4). Il-versi jalternaw bħala regola bejn versi pjani u versi

tronki, kif hi d-drawwa fil-kitba tal-poeżija bi strofi regolari. Iżda din l-iskema m'hix imħarsa dejjem (II, III, V). Bħalma kienet ukoll id-drawwa, il-virgola sikwit tagħlaq il-vers anki meta l-mixja loġika u l-mixja sintattika tal-kliem ma jkunux jeħtiġuha. Dan huwa mnissel fost l-oħrajn mill-fatt li l-awtur jaf li qiegħed joffri versi biex ikunu reċitati bħala kurunella, b'ċertu ritmu komuni, b'pass verbali wieħed, ta' kelliem wieħed jew ta' kongregazzjoni sħiħa. L-iskop hu li r-reċitazzjoni titħaffef, u jkun hemm waqfa perjodika fil-qari. B'hekk il-versi ma jdumux ma jkunu miftakra.

Il-kurunella ssegwi l-mudell magħruf, komuni ta' kitba ta' din ix-xorta. Hi espressjoni versifikata li l-iskop ewlieni tagħha hu li toffri talba popolari li tingħoġob bir-ritmu u bir-rima tagħha. L-awtur tal-kurunella hu bħallikieku l-għannej profan fil-knisja. Mifsud Tommasi jikteb rakkont ħafif dwar il-ħajja tal-qaddisa, skond virtujiet karatteristiċi, u jinseġ lir-rakkont ma' siltiet ta' tifħir u ma' oħrajn ta' talb. L-awtur jirrakkonta, jeloġja u jitlob. Dawn it-tliet xejriet, imfissrin dejjem bi kliem ħafif tipiku kemm tat-tradizzjoni poetika reliġjuża kif ukoll tal-predikazzjoni, jesprimu s-sentimenti meħtieġa biex il-poeżija tkun tassew parti minn ċelebrazzjoni fi knisja.

L-idea ta' l-għerusija tipprovdi l-metafora ewlenija tal-kitba kollha (I,v.5; V, vv.3-4; VII, v.4), waqt li għadd ta' metafori tipiċi oħrajn jinsabu mxerrdin f'diversi strofi (III, v. 1-2; V, v.1-2, 6; IX, v.3). Is-sinkope tiswa biex l-awtur jikseb ir-ritmu li jixtieq ("m'nn" minflok "minn": III, v.4; IV, v.8; "jfittx" minflok "jfittex": VII, v.8). Karatteristiċi oħrajn huma l-għażla ta' kliem mill-istess għalqa lessikali (II, vv.3-4; II, v.6), l-użu tal-mistoqsija rettorika (IV, vv.5-6; VIII, vv.1-2), it-tqegħid ta' verbi fit-tarf tal-vers (I, v. 3; V, vv. 2, 4, 5; VIII, vv. 2, 4, 5, 6, 7, 8), u l-Italjaniżmu (VII, v.1). L-inverżjoni, għamla ta' tqegħid tal-kliem b'mod li jinkiseb ir-ritmu mixtieq u lingwaġġ differenti mill-proża, hi komuni wkoll (I, v. 3; V, vv.1-2; VIII, vv.3-4; IX, vv. 1, 7). Dawn huma żewġ eżempji:

> Il-ġieħ tiegħek waqt li nfaħħru
> (minflok 'waqt li nfaħħru l-ġieħ tiegħek');
>
> Ta' xbubitek bla mittiefes
> Kif il-ġilju għaraft għożżejt
> (minflok 'kif għaraft għożżejt il-ġilju bla mittiefes ta' xbubitek').

Il-kurunella lil Santa Margerita hi eżempju tal-poeżija reliġjuża, popolari tas-seklu dsatax, imnebbħa minn fidi li għandha titfisser fi knisja mis-saċerdot flimkien mal-kongregazzjoni, miktuba bi lsien il-poplu, fil-forma versifikata. L-istorja tal-letteratura turi li din il-forma hi parti minn kwadru ġenerali sħiħ, u tieħu sehem fit-tradizzjoni li tgħaqqad flimkien lil-letteratura miktuba u lil-letteratura mitħaddta. Ludovik Mifsud Tommasi, fidil lejn tradizzjoni sħiħa, ma jitbiegħedx mill-aspetti tal-lingwa popolari (għażla tal-kliem, frażjoloġija, binja tas-sentenza, ħsieb). Il-kurunella tiegħu hi, fil-fatt, anki twettiq tal-prinċipju romantiku, imħaddan minnu stess, li l-poeżija reliġjuża għandha tkun qrib tal-poeżija profana.

------------

[1] Ġ. Cassar Pullicino, *Kitba w Kittieba tal-Malti*, II, 1, Universita' Rjali ta' Malta, 1964, pp. 68-72.

[2] *Ibid.*, p. 47.

[3] J. Bezzina, *Sannat fi Ġrajjet Għawdex*, Parroċċa ta' Sannat, 1989, p. 357.